MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru 268/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**

**vs**

**PIERRE TALIANA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Pierre Taliana, ta’ 23 sena, iben George u Maria Victoria nee’ Libreri, mwieled Pieta’ nhar is-17 ta’ Dicembru 1986, residenti 21, l-Ghabex, Triq Patri Anastasju Cuschieri, Iklin, detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ numru: 14387(M).

Billi gie akkuzat talli nhar is-26 ta’ Mejju, 2009 ghall-habta tat-tmienja u kwart ta’ filghodu (08:15hrs), waqt li kien

qieghed isuq vettura numru EAM 858 ta' l-ghamla Suzuki, f'dawn il-Gzejjer u cioe Fi Triq D'Argens kantuniera ma Triq San Gorg, Gzira,

1. Talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament kkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Robert Magro skond kif ccertifika Dr. Daniel Cauchi M.D. (Reg no. 5124) ta' l-Isptar Mater Dei;

2. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura numru EAM 858 ta' l-ghamla Suzuki b'manjiera traskurata;

3. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura numru EAM 858 ta' l-ghamla Suzuki b'manjiera perikoluza;

4. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura numru EAM 858 ta' l-ghamla Suzuki bla kont;

5. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qabel ma kiser ghal Triq San Gorg, Gzira, naqas milli jaghmel sinjal sabiex juri ghal liema naha kien bi hsiebu jigbed;

Il-Prosekuzzjoni gentilment talbet sabiex f'kaz ta' htija, minbarra l-piena stabbilita, jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li nkwantu ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Pierre Taliana din l-ewwel akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 226(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjarat li nkwantu ghat-tielet akkuza u ir-raba' akkuza migjuba kontra l-imsemmi l-imputat Pierre Taliana dawn l-imsemmija zewg akkuzi inghataw bhala akkuzi alternattivi ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat u ghaldaqstant talbet li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet

akkuza u raba' akkuza migjuba kontra l-imputat Pierre Taliana.

Innutat li l-imputat, fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza, it-tieni akkuza u l-hames akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza, it-tieni akkuza u il-hames akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Rat l-artikoli 17, 226(1)(b) tal-Kap. 9, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap.65 u ir-Regolament 71 tal-Avviz Legali 128/1994.

Issib lill-imputat Pierre Taliana, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza, it-tieni akkuza u l-hames akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat, li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija tikkundanna lill-imputat Pierre Taliana ghall-piena komplessiva ta' elf u erba' mitt Euro (Euro1400) multa.

Rigward it-tielet akkuza u ir-raba' akkuza migjuba kontra l-istess l-imputat Pierre Taliana, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum dwar dawn l-imsemmija tielet akkuza u raba' akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Pierre Taliana kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza u raba' akkuza migjuba kontra l-imputat Pierre Taliana.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Pierre

Taliana milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien hames (5) xhur millum.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------